*Revoka ta' Mandat*

*Penali - Art 836(8)(c) u (d) tal-Kap 12.*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Gimgha,13 ta' Jannar 2017

**Rikors Revoka Numru : 1183/2016/LSO**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1946/15 fl-ismijiet:**

**WH Property Limited (C44401)**

**vs**

**Solar Engineering Limited C47487)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors bl-urgenza ta' Solar Engineering Limited datat 30 ta' Dicembru 2016 fejn espona: -

Illi b'digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Marzu 2016, fl-atti tar-Rikors ta' Revoka numru 1211/15, giet michuda t-talba tal-esponenti biex jithassar il-mandat ta' sekwestru hawn fuq imsemmi.

Illi fil-frattemp giet iddepozitata taht l-awtorita' ta' din il-Qorti s-somma ta' seba' u sebghin elf seba' mija u disgha u tmenin ewro (€77,789), liema depozitu sar permezz ta' tliet cedoli :-

Cedola numru 11/16 saret fil-5 ta' Jannar 2016, u giet iddepozitata mill-Bank of Valletta plc is-somma ta' sitt elef hames mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u hamsin centezmi (€6,546.57);

Cedola numru 113/16 saret fit-22 ta' Jannar 2016, u giet iddepozitata mill-HSBC Bank Malta plc is-somma ta' sebat elef hames mija u disgha u ebghin ewro u centezmu (€7,579.01) ;

Cedola numru 1882/16 saret fil-21 ta' Novembru 2016, u giet iddepozitata s-somma ta' tlieta u sittin elf sitt mija u tlieta u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmi (€63,663.43).

Illi b'dawn ic-cedoli gie depozitat ammont li jeccedi dak pretis mis-socjeta' sekwestranta ta' sebghin elf mitejn u ghaxar ewro (€70,210).

Illi *nonostante* li s-socjeta' sekwestranta giet innotifikata b'dawn ic-cedoli u ghandha serhan il-mohh li l-kreditu pretis minnha jinsab soddisfacentement ikkawtelat, sal-lum baqghet ma hadet ebda passi korrettivi biex tnehhi l-mandat ta' sekwestru minkejja li issa ghadda aktar minn xahar minn meta giet mgharrfa li taht l-Awtorita' tal-Qorti hemm iddepozitata somma ta' flus bizzejjed biex tissoddisfa l-ammont li riedet tikkawtela. Dan il-mandat kien ferm ta' xkiel u mbarazzament ghall-esponenti tenut kont tal-fatt li l-esponenti hi fil-kummerc u kull gurnata li tghaddi b'dan il-mandat jibqa' fis-sehh bil-kontijiet tal-bank taghha kollha marbutin il-pregudizzju ghaliha hu ferm u ferm kbir.

F'dan ir-rigward l-esponenti taghmel riferenza ghal dak li gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti tar-Rikors numru 423/05 fl-ismijiet: **Josephine Sammut vs Emanuel Sarnmut et,** degretat fl-20 ta' Ottubru 2005, fejn intqal :- *'Il-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor. Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero', ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhata xi magnet ta'*

*estorzjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali. Din il-Qorti tqis li l-intimata kellha, immedjatament li gie milqugh il-mandat ta' inibizzjoni, tirregola ruhha sabiex il-pretis debitur ma jibqax issikkat izzejjed; il-fatt li halliet dawn il-mandati fis-sehh anke wara li nhareg il-mandat ta' inibizzjoni, jaghmel il-kontinwazzjoni taz-zamma fis-sehh ta' dawn il-mandati ta' sekwestru, bhala agir vessatorju, li tiggustifika l-imposizzjoni tal-penali taht l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.'* [Prim'Awla, **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et**, Rikors 423/05, degretat fl-20 ta' Ottubru 2005, ara wkoll provvediment tal-istess Qorti fl-atti tar-Rikors numru 1094/02 fl-ismijiet inversi degretat fil-5 ta' Gunju 2003] - sottolinear tal-esponenti.

Dwar il-kundanna tal-penali l-Qorti fid-digriet taghha osservat dan li gej : *'Il-kundanna tal-penali taht l-artikolu 836(8) ghandha ssir, fil-fehma tal-Qorti, mhux biss jekk xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fil-paragrafi ta' wara jkunu jezistu meta intalab il-hrug tal-mandat, izda anke jekk, dawk ic-cirkostanzi, javveraw ruhhom fil-mori tal-validita' tal-mandat, u ma jittiehdux passi korrettivi u immedjati mill-kreditur. Mandati kawtelatorji huma, min-natura taghhom, sikkanti fuq il-pretis debitur, specjalment meta, fl-istadju li jinhargu, ma jkunx ghad hemm determinazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur, u kwindi ghandhom jigu ikkontrollati kontinwament, u l-htiega jew l-estensjoni taghhom ivverifikata skont ic-cirkostazi.'* [Prim'Awla, **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et**, Rikors 275/03, degretat fit-3 ta' Lulju 2003] - sottolinear tal-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-

1. Tirrevoka b'effett immedjat il-mandat ta' sekwestru numru 1946/15 *ai termini* tal-artikolu 836(1)(c)(f) *stante* li fic-cirkostanzi mhuwiex ragonevoli li jinzamm aktar fis-sehh il-mandat meta hemm bizzejjed flus iddepozitati taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti li riedet tikkawtela bil-mandat;

2. Tawtorizza l-izbank tal-flus favur l-esponenti li gew iddepozitati mill-Bank HSBC Bank Malta plc permezz tac-Cedola numru 113/16 fl-ammont ta' sebat elef hames mija u disgha u ebghin (recte:sebghin) ewro u centezmu (€7,579.01), *stante* li bil-flus li gew iddepozitati permezz taz-zewg cedoli l-ohra numri 11/16 u 1882/16 mill-Bank of Valletta plc, hemm flus iktar milli bizzejjed taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti biex tkopri l-ammont li s-socjeta' sekwestranta riedet tikkawtela;

3. Tapplika fil-konfront tas-socjeta' WH Property Limited fl-provvedimenti kontemplati taht l-artikolu 836(8) tal-Kap.12 ghar-ragunijiet imsemmija fl-paragrafi (c)(d) tal-istess subartikolu *stante* li baqghet ma haditx passi korrettivi u immedjati biex tnehhi l-mandat meta kellha prova li hemm bizzejjed flus li gew iddepozitati taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti biex taghmel tajjeb ghall-ammont li riedet tikkawtela bil-hrug tal-mandat.

Rat li din ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Jannar 2017 fis-siegha ta’ wara nofsinhar.

Rat ir-risposta ta' WH Property Limited datata 6 ta' Jannar 2017 (fol 24) fejn esponiet :-

1. Illi *in vista* tal-fatt li jirrizulta li l-ammont mitlub li jigi kkawtelat permezz tal-mandat ta' sekwestu in ezami issa jinsab pjenament depozitat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni ghall-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti Solar Engineering Limited u cioe' li l-mandat in kwistjoni ma jibqax fis-sehh u li l-istess rikorrenti tigi awtorizzata sabiex tizbanka l-ammont intier ta' €7,579.01 iddepozitat fl-atti tac-cedola ta' depozitu bin-numru 113/16, b'dan pero' li l-ammonti depozitati fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti permezz tac-cedoli ta' depozitu bin-numri 11/16 u 1882/16 jibqghu hekk depozitati pendenti l-ezitu finali tal-vertenza bejn il-partijiet in kawtela tal-kreditu pretiz;

2. Illi s-socjeta' esponenti toggezzjona ghat-tielet talba rikorrenti u cioe' ghall-imposizzjoni ta' penali *ai termini* tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12. "*Illi, fl-ewwel lok, dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi HI min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b 'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timpani l-penali*

*fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz. "'*

Illi s-socjeta' rikorrenti ressqet tali talba a bazi tal-paragrafi (c) u (d) tal-Artikolu in kwistjoni u cioe' li ma kienx hemm dubju dwar il-kapacita' finanzjarja tas-socjeta' rikorrenti u li l-mandat sar b'malizzja u hu frivolu u vessatorju. Bid-dovut rispett, l-ebda minn dawn ic-cirkustanzi ma jirrizultaw u fil-fatt is-socjeta' rikorrenti gia ressqet talba simili ghar-revoka tal-istess mandat u l-hlas ta' penali permezz ta' rikors bin-numru 1211/2015 LSO, liema talbiet gew michuda minn din l-Onorabbli Qorti;

Illi c-cedola ta' depozitu bin-numru 1882/16 li permezz taghha gie depozitat il-bilanc tal-ammont kollu mitlub *ai termini* tal-mandat in kwistjoni gie a konjizzjoni tas-socjeta' esponenti biss permezz tar-rikors odjern u mhux qabel u fil-fatt is-socjeta' esponenti mhix qed topponi ghall-ewwel zewg talbiet rikorrenti ghar-revoka tal-mandat u ghall-izbank mitlub, issa li s-socjeta' esponenti hi konxja li l-kreditu pretiz hu kkawtelat fl-intier tieghu. Jirrizulta in oltre li ma saret l-ebda talba lis-socjeta' esponenti, lanqas b'mod informali, *da parte* tas-socjeta' rikorrenti sabiex il-mandat jigi revokat *in vista* tac-cedola ta' depozitu msemmija bin-numru 1182/16, liema depozitu sar f'Novembru 2016. Li

kieku kien minnu li dan il-mandat kien ferm ta' xkiel u mbarazzament ghar-rikorrenti kif minnha allegat, ghalfejn din baqghet siekta ghal aktar minn xahar biex imbaghad intavolat ir-rikors odjern minghajr ebda pre-avviz lis-socjeta' esponenti? Lanqas ma tressqu provi *prima facie da parte* tas-socjeta' rikorrenti sabiex tipprova dak minnha allegat li il-mandat *de quo* hu allegatament ta' pregudizzju *"ferm u ferm kbir",* meta l-ammont li jirrizulta li gie depozitat in eccess hu ta' sebat elef ewro. Ghalhekk ukoll ma tirrizulta l-ebda malizzja *da parte* tas-socjeta' esponenti u anqas ma jirrizulta li l-mandat in ezami hu frivolu jew vessatorju. Il-Qorti mhix marbuta li timponi penali, u dan jaqa' fid-diskrezzjoni taghha. L-esponenti jissottomettu bir-rispett li ma jirrizultawx l-estremi ta' l-ebda wahda mic-cirkustanzi mahsuba fil-ligi ghall-imposizzjoni ta' penali u ghalhekk it-tielet talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tigi michuda.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 10 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet Dr Mario Scerri u Dr Ian Vella Galea. Prezenti Anthony Saliba ghal Solar Engineering Limited. Dr Mario Scerri prezenta nota b'hames (5) dokumenti. Id-difensuri tal-partijiet trattaw it-tielet (3) talba. Il-kawza giet differita ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi bir-rikors premess ir-rikorrent talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru mahrug fl-istess ismijiet premessi numru 1946/15 MM u dan *stante* li fil-mori gew depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti ammontanti bi tlett cedoli rispettivament:

Cedola Nru. 113/16 fl-ammont ta' €7,579.01
Cedola Nru. 11/16 fl-ammont ta' €6,546.57
Cedola Nru. 1882/16 fl-ammont ta' €63,663.48

Illi r-rikorrenti qed titlob li jigi awtorizzat l-izbank tal-ewwel cedola billi l-ammont iddikjarat fil-mandat huwa kopert biz-zewg cedoli rimanenti.

Ikkonsidrat li s-socjeta' intimata ma opponietx ghal dawn it-talbiet salv li l-ammonti depozitati fir-Registru ta' din il-Qorti permezz taz-zewg cedoli 11/16 u 1882/16 jibqghu hekk depozitati pendenti l-ezitu finali tal-kawza bejn il-kontendenti li qeghdha tigi trattata quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

### Penali

Illi izda r-rikorrenti ezekutata talbet wkoll li s-socjeta' intimata tigi kkundannata ghall-hlas ta' penali fit-termini tal-artikolu **838(8)(c) u (d) tal-Kap 12** *stante* li naqqset milli tiehu passi immedjati biex tirrevoka l-mandat wara li saru d-depoziti msemmija.

Ikkonsidrat qabel xejn li l-ammont ikkawtelat bil-mandat ta' sekwestru in mertu huwa ta' €70,210 u ghalhekk johrog car li l-ammont shih pretiz gie eventwalment ikkawtelat meta sar id-depozitu numru 1882/16 mill-Bank of Valletta p.l.c. fl-ammont ta' €63,663.43 fil-21 ta' Novembru 2016 u mhux qabel.

Ikkonsidrat ukoll li r-rikors odjern gie pprezentat fit-30 ta' Dicembru 2016 u cioe` circa 40 gurnata wara d-depozitu imsemmi. Jirrizulta li s-socjeta' ezekutanti giet debitament notifikata bic-cedola fit-30 ta' Novembru 2016 (Dokument esebit bhala DOK C man-nota tal-10 ta' Jannar 2016) kif kienet notifikata tempestivament bic-cedoli l-ohra minghajr ma rreagixxiet, ad ezempju, bir-riduzzjoni tal-ammont ikkawtelat bil-mandat.

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, dejjem gie sostnut li din hija fakultattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[1] (*vide* **Farrugia v C & F Building Contractors Ltd** – P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd"** – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

[1] Ara P.A. TM 13.3.2003 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.**

Illi izda  nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[2]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.

Illi din il-Qorti tikkondividi l-principji fuq enuncjati. Inoltre kif gie ribadit fil-kaz **"Paul Attard noe. vs Loreto Abela"** – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005:

*"Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin;  l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("**qui suo jure utitur neminem laedere videtur**"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minnflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*"Illi generalment l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha.  Fejn ikun hemm element ta' agir*

[2] App. Ċiv. 13.3.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**

*fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

Testwalment ic-cirkostanzi mahsuba fl-artikolu 836(8)(c) u (d) huma:

**Artikolu 836 (8)(c)** jipprovdi:

*"Jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita` tieghu u dwar il-kapacita` finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

Illi jinghad minnufih li s-socjeta'rikorrenti ma ressqitx prova fuq din il-kawzali billi qed tistrieh unikament fuq id-depoziti maghmula fil-mori tal-proceduri. Ghalhekk qed tigi respinta.

L-**artikolu 836(8) (d)** jipprovdi:

*"Jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja."*

Illi l-Qorti tikkondividi dak ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg**

(PATM - 20 ta' Ottubru 2005) citat mis-socjeta' debitrici u cioe` li **l-artikolu 836(8)** ghandu jigi applikat kontra l-kreditur ezekutant mhux biss meta wahda mic-cirkostanzi elenkati fih ikunu jezistu meta ntalab il-hrug tal-mandat, izda anke jekk, dawk ic-cirkostanzi javveraw ruhhom fil-mori tal-validita' tal-mandat, u ma jittiehdux passi korrettivi u immedjati mill-kreditur. Il-Qorti f'dawk il-proceduri kkonsidrat li mandati kawtelatorji huma, min-natura taghhom, sikkanti fuq il-pretis debitur, specjalment meta, fl-istadju li jinhargu, ma jkunx ghad hemm determinazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur, u kwindi ghandhom jigu ikkontrollati kontinwament, u l-htiega jew l-estensjoni taghhom ivverifikata skont ic-cirkostanzi. Il-Qorti f'dik il-kawza kompliet tfisser hekk:

*"Kif gia gie osservat minn din il-Qorti, il-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor. Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero', ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorzjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali. ..."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern din il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta' ezekutanti naqqset mir-responsabbiltajiet taghha qua kreditur ezekutanti meta ma

ghamlet xejn biex ittaffi l-effetti tal-mandat minnkejja li l-ammont shih kien gie kkawtelat bid- depoziti imsemmija..

Illi jirrizulta li s-socjeta' kreditrici giet notifikata bic-cedoli u ma ghamlet xejn biex tirrettifika l-posizzjoni taghha. Anke jekk kien hemm xi nuqqasijiet fil-komunikazzjoni interna bejn l-impjegati tal-istess socjeta', kif gie allegat, hija s-socjeta' kreditrici li ghandha tbaghti l-effetti ta'tali nuqqas.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib li t-talba ghall-imposizzjoni ta' penali hija gustifikata fit-termini tal-**artikolu 836(8)(d)** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru numru 1946/15 fl-ismijiet premessi *stante* qbil bejn il-partijiet bil-kondizzjoni li l-flus depozitati taht l-awtorita' ta' din il-Qorti permezz tac-**cedoli ta' depozitu numri 11/16 u 1882/16** jibqghu fermi u hekk depozitati in kawtela tal-pretensjonijiet tas-socjeta' WH Property Limited sakemm tigi deciza finalment il-kawza fl-ismijiet premessi (Rik.Gur.1183/2016LSO).

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza l-izbank favur is-socjeta' Solar Engineering Limited tal-flus li gew iddepozitati mill-Bank HSBC Bank Malta p.l.c permezz tac-Cedola numru **113/16** fl-ammont ta' sebat elef hames mija

u disgha u ebghin (recte:sebghin) ewro u centezmu (€7,579.01).

3. Tilqa' t-tielet talba u tapplika fil-konfront tas-socjeta' WH Property Limited il-provvediment kkontemplat taht l-**artikolu 836(8)(d) tal-Kap.12** ghar-ragunijiet fuq spjegati u tordna lill-istess socjeta' thallas penali ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' WH Property Limited.**

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**13 ta’ Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**13 ta’ Jannar 2017**